MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2008

Numru 109/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Karl Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Karl Bonnicitalli fl-4 ta' Frar 2006 ghall-habta ta' 5.30 p.m. fi Triq il-Kbira, San Guzepp, Hamrun, saq vettura Nru. JBE-574:

(1) B'manjera perikoluza;

(2) Minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(3) U aktar, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offixi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Carmela Cachia u kif ukoll offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Milan Marjanovic skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri M.D. ta’ S.L.H.;Fl-istess data u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.

(4) U aktar, ikkaguna hsarat involontarji fuq hanut “Johnny’s Bar” ghad-dannu ta’ Joseph Farrugia;

(5) Kif ukoll hsarat involontarji fuq “advertisement board” gahd-dannu tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Karl Bonnici jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Karl Bonnici hati ta’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet u rr-aba’ imputazzjonijiet izda ma sabitux hat ital-hames imputazzjoni u minnha lliberatu, u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ elf u hames mitt liri Maltin (Lm1,500) u ordnat li jkun skwalifikat milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ tnax-il xahar mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Stephen Zahra pprezentat fit-22 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati ta’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet u tilliberah minn kull kundanna u piena nflitta in konnessjoni ma’ dawn l-imputazzjonijiet; u (b) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn illiberatu mill-hames imputazzjoni, u dan filwaqt illi tordna kwalunkwe provvediment iehor li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) It-tieni imputazzjoni hi preskritta; (2) Huwa kien in buona fede u ghalhekk tapplika d-difiza kkontemplata fl-artikolu 3(1B) tal-Kap. 104; (3) Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-polza ta’ assikurazzjoni kienet wahda valida ai termini tal-Kap. 104; (4) Is-sentenza appellata hi nulla peress illi ma jissemma l-ebda artikolu li a bazi tieghu l-ewwel Qorti sabet il-htija ghat-tielet imputazzjoni; (5) L-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti kien zbaljat.
Din il-Qorti sejra tittratta fl-ewwel lok ir-raba’ aggravju li permezz tieghu l-appellant jikkontendi li s-sentenza appellata hi nulla peress li ghalkemm l-ewwel Qorti sabet il-htija dwar it-tielet imputazzjoni, fis-sentenza appellata ma jissemma l-ebda artikolu tal-ligi li jirrigwarda tali imputazzjoni.

Permezz tat-tielet imputazzjoni l-appellant gie akkuzat li involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Carmela Cachia u Milan Marjanovic. Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li gie citat, *inter alia*, “l-artikolu 328(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta”. Il-paragrafu (b) imsemmi jirreferi ghal offiza gravi fuq il-persuna minhabba hruq jew hsara involontarja. Fil-kaz in ezami l-appellant gie mixli li kkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuni fuq imsemmija. Kwindi m’hemm l-ebda dubju li l-artikolu 328(b) tal-Kap. 9 mhuwiex applikabbli. Fil-fatt ghat-tielet imputazzjoni hu applikabbli l-artikolu 226(1)(c) tal-Kap. 9 u dan l-artikolu ma giex citat fis-sentenza appellata. Imbaghad l-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 japplika ghar-raba’ u l-hames imputazzjonijiet.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub**

**hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

Fil-kaz in ezami, l-ewwel Qorti naqset milli ticcita l-artikolu 226(1)(c) tal-Kap. 9 u ccitat il-paragrafu hazin ta' l-artikolu 328. F'dawn ic-cirkostanzi s-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali. Skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. F'kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata[1].

Konsegwentement, stante li s-sentenza appellata hi difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta' sentenza, dan jirrendiha nulla u ghalhekk din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza nulla u, a tenur ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9, sejra tghaddi biex tiddeciedi l-kaz hi fil-mertu.

Qabel xejn sejra tikkunsidra s-sottomissjonijiet ta' l-appellant dwar il-preskrizzjoni tat-tieni imputazzjoni. Din tirrigwarda dak li jipprovdi s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104:

**"Ghad illi f'ligijiet ohra jista' jkun hemm zmien stabbilit li fih ghandhom isiru proceduri quddiem qorti, il-procediment ghal reat taht dan l-artikolu jista' jsir –**

**(a) fi zmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew**
**(b) fi zmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun giet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat,**

[1] Ara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Donald Cilia**, 24 ta' April 2002; **Il-Pulizija v. Benjamin Muscat**, 28 ta' Gunju 2002 u 10 ta' Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, 9 ta' Settembru 2002; **Il-Pulizija v. Paul Cachia**, 25 ta' Settembru 2003; **Il-Pulizija v. Mark Portanier**, 14 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija v. John Axiaq et**, 19 ta' Mejju 2005; **Il-Pulizija v. Stefan Abela**, 2 ta' Frar 2006; **Il-Pulizija v. Anthony Borg**, 1 ta' Gunju 2006.

**skond liema zmien minnhom ikun l-itwal.”**

L-ewwel Qorti, b’digriet li tat fis-16 ta’ Frar 2007, qalet li dan is-subartikolu hu biss fakultattiv. Probabilment dan qalitu ghax zgwidata minn dak li jipprovdi l-imsemmi subartikolu li **“il-procediment ghal reat taht dan l-artikolu <u>jista’</u> jsir”** (sottolinear ta’ din il-Qorti). Permezz ta’ dan is-subartikolu, il-perijodu preskrittiv skond dak li jipprovdi l-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta mhuwiex applikabbli ghal ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 3 tal-Kap. 104. Invece <u>ghandhom</u> japplikaw il-perijodi indikati fl-imsemmi subartikolu, liema perijodi ghandhom jitqiesu bhala perijodi ta’ dekadenza.

Issa l-prosekuzzjoni argumentat quddiem din il-Qorti li wahda “mill-ipotezijiet strambi” ta’ dan is-subartikolu hu li l-proceduri ma jkunux jistghu jigu inizjati wara sena mid-data li fih ikun sar ir-reat u allura peress illi f’dan il-kaz ma kienx ghadu ddekorra l-perijodu ta’ sena, l-azzjoni mhix preskritta. Din il-Qorti ma taqbilx.

Galadarba l-legislatur ghazel li jaghti zewg alternattivi, ma jistax jigi argumentat li stante li semma perijodu ta’ sena allura ghandu japplika dan il-perijodu, altrimenti ma kien ikun hemm l-ebda skop li l-legislatur jaghti zewg alternattivi li jippostulaw sitwazzjonijiet differenti. U ghalhekk, nonostante l-posizzjoni fejn jinsabu miktuba l-kliem **“skond liema zmien minnhom ikun l-itwal”**, din il-Qorti hi tal-fehma li l-intenzjoni tal-legislatur ma kinitx li din il-frazi tikkwalifika z-zewg alternattivi izda t-tieni alternattiva fil-paragrafu (b). Fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni saret taf bl-incident mhux biss fl-istess gurnata izda istantanejament peress illi kien hemm Pulizija li raw u semghu l-incident. Allura x’sens jaghmel li wiehed jghid illi ghandu japplika l-paragrafu (b)? Xi skop kien hemm mela li l-legislatur idahhal il-paragrafu (a)? Kieku bl-argumentazzjoni tal-prosekuzzjoni, japplika dejjem il-paragrafu (b).

Fil-kaz in ezami l-incident in kwistjoni sehh fl-4 ta’ Frar 2006. Mir-riferti esebiti jirrizulta li l-appellant gie notifikat fit-13 ta’ Frar 2007. Dan ifisser li ghaddew mhux biss is-

sitt xhur applikabbli skond il-paragrafu (a) izda sahansitra ghaddiet aktar minn sena mid-data ta’ l-incident.

Konsegwentement it-tieni imputazzjoni hi preskritta.

In vista ta’ din il-konkluzjoni m’hemmx lok li jigu kkunsidrati t-tieni u t-tielet aggravji li din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Il-hames aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. L-appellant jghid illi hemm konflitt fil-verzjonijiet moghtija mix-xhieda, liema konflitt ikkreja dubju sostanzjali dwar kif fil-fatt sehh l-incident. Jghid li l-Pulizija li kienu prezenti fuq in-naha l-ohra tal-Pjazza fil-hin ta’ l-incident kollha qablu li semghu *brake* qabel ma sehh l-incident proprju. Hadd minnhom ma qal illi kien *brake* twil izda pjuttost wiehed qasir. Fuq wicc it-triq pero` ma nstabu ebda *brake-marks*. L-appellant jghid ukoll illi x-xhieda kollha qablu li t-triq kienet mimlija traffiku dak il-hin u li t-traffiku kien miexi b’mod normali. L-Ispettur Carlo Ellul pero` xehed illi ra lill-appellant gej mid-distanza bi speed qawwi izda mbaghad ma segwiehx sakemm sehh l-impatt. Ghalhekk l-appellant isaqsi ghaliex l-Ispettur Ellul ma baqax ihares lejh?

Min-naha l-ohra l-appellant sostna, kemm *a tempo vergine* kif ukoll quddiem l-ewwel Qorti, illi vettura ohra gejja minn faccata tieghu qabdet u qasmet min quddiemu sabiex tidhol f’Qormi Road u kkrejatlu emergenza subitaneja. L-ebda xhud tal-prosekuzzjoni ma nnega li dan seta’ kien il-kaz; anzi wiehed mill-ufficjali tal-Pulizija, fuq domanda diretta mid-difiza, irrisponda fis-sens illi seta’ gara hekk ghaliex kien hemm hafna traffiku dak il-hin.

Issa, ix-xiehda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta’ Lulju 2003, *“mhux kull konflitt*

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

*fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3].

Minn ezami tal-provi jirrizulta li fl-4 ta' Frar 2006 ghall-habta tal-5.30 p.m. l-appellant kien  qieghed isuq pick-up Nru. JBE-574 minn Triq il-Kbira San Guzepp, il-Hamrun sejjer fid-direzzjoni ta' Santa Venera. Kif wasal fil-bidu ta' Pjazza Fra Diegu, l-appellant jghid li qasmitlu vettura f'salt biex iddur ghal Qormi Road, hu kiser lejn ix-xellug, tela' l-bankina, laqat tnejn min-nies li kienu fuq il-bankina u baqa' diehel fuq in-naha tax-xellug tal-faccata tal-hanut Johnny's Bar. Hadd mix-xhieda ma kkonferma li saret hsara f'*advertisement board* kif gie akkuzat l-appellant permezz tal-hames imputazzjoni.

L-appellant jirreferi ghal konflitt bejn dak li qalu l-Pulizija li semghu *brake* u l-fatt li ma gewx indikati *brake-marks* fuq l-iskizz. Fil-verita` jekk l-appellant zamm il-*brake* ifisser li ma rnexxilux jieqaf tempestivament u jekk ma zammx *brake* ifisser li ma kellux *presence of mind* bizzejjed biex jibbrejkja. Fil-fatt kull ma jghid l-appellant fix-xiehda tieghu hu li kiser lejn ix-xellug u tela' l-bankina wara li qasmitlu karozza.

L-appellant jirreferi wkoll ghax-xiehda ta' l-Ispettur Carlo Ellul li qal li ra lill-appellant isuq bi speed eccessiv izda ma segwiehx sa l-impatt filwaqt li xhieda ohra qalu li traffiku kien ghaddej normali. Hawn il-Qorti tirreferi l-ewwelnett ghax-xiehda ta' l-Ispettur Carlo Ellul. Dan ix-xhud qal li kien qieghed jitkellem ma' xi nies fuq il-bus stop ta' quddiem il-Hollywood. Ra karozza ghaddejja bi speed eccessiv u hares biex jiehu n-numru izda kien hemm karozza tal-linja u ma setax jara n-numru ezatt. Imbaghad ikompli: *"Wara ftit ghaddiet ohra l-istess pick-up iehor jigri l-istess. Ergajt lanqas hadtu n-numru avolja. In the*

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

*meantime dan rajtu diehel fuq il-faccata ta' John's Garage* ***[recte: Johnny's Bar]*** *mal-genb taghha u mort nigri biex nara dan l-accident."* Hemm imbaghad ix-xiehda ta' l-appellant li, mistoqsi b'liema speed kien miexi qabel l-incident qal li kien miexi b'50 k.f.s. Mistoqsi wkoll bhala traffiku dak il-hin x'sab quddiemu, qal li kien normali mhux dak l-iggamjat. F'dawn ic-cirkostanzi ma jaghmlux sens is-sottomissjonijiet relattivi li saru mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu.

Issa, il-vettura li kien qieghed isuq l-appellant kienet *pick-up*, ossia, kif deskritta fir-rapport tal-Pulizija *"light goods vehicle"*. Il-velocita` ghal dik it-tip ta' vettura f'*built-up areas* hi ta' 40 k.f.s. Jigifieri meta l-appellant semma li kien ghaddej b'50 k.f.s. ifisser li kien qieghed jissupera l-velocita` massima permissibbli ghal vetturi ta' dik in-natura fil-lokalita` fejn sehh l-incident. Anke kieku kien ghaddej b'velocita` regolamentari, hemm bosta sitwazzjonijiet fejn il-prudenza tiddetta li persuna ghandha ssuq b'velocita` inqas minn dik regolamentari u li dik regolamentari tkun tista' titqies bhala wahda eccessiva. U certament ma hu xejn prudenti li wiehed isuq b'velocita` ta' 50 k.f.s. minn Triq il-Kbira, Hamrun fil-5.30 p.m.

Din il-Qorti mhijiex qed teskludi l-possibilita`, jekk mhux ukoll il-probabilita` li kien hemm vettura ohra li qasmet minn quddiem l-appellant biex iddur ghal Qormi Road. B'danakollu gie dejjem ritenut minn din il-Qorti li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor, ammenocche` dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal htijiet da parti tas-sewwieq l-iehor. Jigifieri n-negligenza kontributorja ma tezonerax sewwieq jekk ma tkunx hi l-kawza <u>unika</u> tas-sinistru[4].

---

[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Rev. Carmelo Mifsud,** 5 ta' Settembru 1953 **(Vol. XXXVII.iv.1131); Il-Pulizija v. Paul Vassallo, 2 ta** Ottubru **1954 (Vol. XXXVIII.iv.883); Il-Pulizija v. Joseph Muscat, 10 ta' Gunju 1994 (Vol. LXXVIII.v.267); Il-Pulizija v. Stephen Zammit, 10 ta' Lulju 2002; Il-Pulizija v. Noel Gauci, 25 ta' Marzu 2004.**

L-appellant qieghed jirrikorri ghad-difiza tas-*sudden emergency*. Pero`, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Capt. A. Gera** (13 ta' Dicembru 1968): **"Driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-*sudden emergency* meta l-emergenza jkun holoqha hu."**

Inoltre, kif gie ritenut mill-Qrati taghna, **"hu dover ta' *driver 'to see what is in plain view'*"**[5], u li **"min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm *a proper look-out*"**[6]. U kif inghad f'**Newhaus v. Bastion Insurance Co. Ltd. [1968]**, ***"Keeping a proper look-out means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."***

Fil-kaz in ezami huwa evidenti li l-appellant kien ghaddej bi speed in eccess ghal dak regolamentari u wisq in eccess ghal dak prudenti meqjusin il-fatturi ambjentali tal-mument u tal-lokalita`. Il-hsara rizultanti flimkien ma' l-azzjoni evaziva li pprova jiehu juru li la kellu kontroll shih tal-vettura li kien qieghed isuq u lanqas ma kien attent ghat-traffiku l-iehor ghaddej fit-triq u ghal-lokalita` fejn kien qieghed isuq. Dan jammonta ghal *"recklessness"* fis-sewqan ta' l-appellant u konsegwentement ghandu jbati r-responsabbilta` ghall-offizi li kkaguna lil Carmela Cachia u lil Milan Marjanovic u ghall-hsara fil-hanut Johnny's Bar.

Ghall-finijiet tal-piena jinghad biss illi l-appellant kellu u ghad ghandu kondotta nadifa u li l-hsara fil-hanut Johnny's Bar thallset.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett u, wara li semghet il-provi u ghamlet il-

[5] Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Vella**, 10 ta' Awissu 1963.
[6] Appell Kriminali **Il-Pulizija v. J. M. Laferla**, 17 ta' Gunju 1961.

konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq riportati, tiddikjara t-tieni imputazzjoni preskritta u minnha tillibera lill-appellant, ma ssibx lill-appellant hati tal-hames imputazzjoni u minnha tilliberah, issibu hati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17(h), 226(1)(c) u 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi Karl Bonnici ghall-hlas ta' multa ta' elf euro u tiskwalifikah milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' sitt xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------